MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 147/2000/1

***Maria Lourdes Caruana***

***versus***

***Eugenio sive Gino Caruana u martu Irene Caruana***

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi l-intimati jikru minghand l-esponenti l-fond numru erbatax (14), Triq ic-Centinarju tal-Parrocca, Birgu, versu l-kera ta' hamsin lira Maltin (LM50.00) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem.

Illi l-fond fuq imsemmi gie mikri lill-intimati biex iservi bhala r-residenza tieghu, pero' l-istess intimati wettqu kambjament fid-destinazzjoni tal-fond.

Ghalhekk l-esponenti titlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha li tirriprendi l-pussess tal-fond hawn fuq imsemmi  u li ghal dan l-iskop jipprefiggi terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament ta’ l-intimati.

Ra li l-intimati qatt ma deheru kif qatt ma ressqu twegiba minkejja li gew notifikati.

Ra li fis-seduta ta’ llum deher l-Avukat Dottor John Vassallo f’isem u ghar-rikorrenti.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzaha terga’ tiehu f’idejha l-fond numru erbatax (14) Triq ic-Centenarju tal-Parocca, Birgu; ghall-ghan ta’ tkeccija jaghti xahar (1) zmien m’illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------